MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Numru 1097/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spridione Zammit)**

**Versus**

**Saviour Cucciardi**

**Il-Qorti**

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Saviour Cucciardi ta' 44 sena bin Saviour u Vincenza nee Cardona mwieled Ħal-Qormi fit-22 ta' Marzu 1964 u residenti Block B 1 Triq il-Watar Ta' Xbiex detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 365964 (M)

Akkużat talli

(a) Fis-6 ta' Novembru 2008 għall-ħabtat tal-11.55am u ħinijiet wara fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid attakka

jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Dr Robert Vincent Gauci minn Marsascala, persuan inkarigata skond il-Liġi minn Servizz Pubbliku, filwaqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi minn Awtorita' kompetenti;

(b) Ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi għamel inġurji u theddid fuq il-persuna ta' Dr Robert Vincent Gauci minn Marsaskala persuan inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(ċ) Ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali ksier volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

(d) ukoll talli fl-sitess jum, ħin u ċirkostanzi, qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Dr.Robert Vincent Gauci minn Marsaskala;

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsensi tal-imputat u tal-Avukat Ġenerali (fol 5) sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 3659 tal-1964;  l-fedina penali tal-imputat u l-current incident report a fol 24.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

5. L-Ispettur Spiridione Zammit kien kellem lill-imputat li qal lill-Ispettur li waqt li hu (l-imputat) kien qed jistenna l-vista tat-tabib, it-tabib kien mexa fuq saqajh. L-imputat kien muġugħ, l-imputat qabad jimbotta lit-tabib u jidgħi. Huwa nnega li kien qabad il-banketta biex iwaddabha.

6. Fl-istqarrija tiegħu tas-7 ta' Novembru 2008l-imputat qal li kellu jmur il-polyclinic minħabba li kien weġġa' subgħajh. Kif kien fqu il-wheel chair tabib talgħlu fuq suqajh. L-imputat imbotta lit-tabib u dan mar iċempel lill-Pulizija. L-imputat ipprotesta li hu ma kien għamel xejn ħażin. Huwa aammetta li kien dagħa. Huwa nnega li kien qabad xi banketta. Tabib ieħor kien rrefera lill-imputat l-Isptar u għalhekk l-imputat ma setax imur l-għassa.

7. Fit-tieni stqarrija (10 ta' Novembru 2008), l-imputat qal li meta t-tabib tela' fuq saqajh, l-imputat kien ħass uġigħ kbir u kien imbbuttah b'idejh it-tnejn. Huwa nnega li kien qabda xi banketta b'idejh u ried li jittella' l-Qorti ħalli jeħles mill-każ malajr. Huwa kein lest li jsikuża ruħu mat-tabib.

8. Fis-6 ta' Novembru 2008 għall-ħabta tal-11.55 am, waqt li Dr Robert Vincent Gauci kien qed jitkellem ma' persuna oħra ħass xi ħaġa tmiss ma' saqajh. Meta dar sab lill-imputat ġo wheel chair irrabjat ħdejh. L-imputat beda jidgħi u widdeb lit-tabib biex jara fejn sejjer. L-imputat qallu wkoll 'Narawha meta noħorġu barra din.' Imbagħad l-imputat qam u ta daqqa ta' ponn fuq widnejn i-tabib. Kif it-tabib mar biex jaqbad it-telefon ħalli jċempel l-għassa, l-imputat qabad banketta b'idejh it-tnejn biex igaraha lit-tabib. Malli t-tabib ra l-banketta telaq 'il barra mill-bieb tal-ġenb.

9. Lill-imputat qatt ma kien rah qabel. L-imputat qal lit-tabib li kien laqtu jew rifsu. I-ttabib kien żgur li ma kienx rifes lill-imputat.

9. It-tabib qal li kien lest li jaħfer lill-imputat.

10. Dr Alexandra Baldacchino xehdet li kienet qed teżamina pazjent li kien muġugħ ħafna b'subgħajh. Xi nurse kienet qed iġġib lill-imputat fil-wheel chair waqt li

kienet qed tikteb xi karta. L-imputat beda jidgħi u jgħajjat kemm jiflaħ. Apparantement Dr Gauci kien laqtu f'subgħajh. Bed joffendi lit-tabib u pprova jħebb għalih. Imbagħad qabad banketta u reid jagħmel għat-tabib.

11. L-Ispettur 1480 Sandro Mallia xehed li meta mar fil-poliklinika s-sitwazzjoni kienet diġa' kkalmat. It-tabib kien qlalu li l-impujta kien heddu, beda jxejjer idejh lejh u kien qabad banketta tal-ħadid li kienet qrib tiegħu. L-imputat kien qallu li kien muġugħ u ammetta li kien tkellem ħażin. Ammetta wkoll li kien laqat lit-tabib fuq idejh iżda nnega li kien uża forza żejda.

12.L-imputat qal li huwa kien qed jiddewwa għax kien inqalagħlu difrejh bid-daqqa ta' kantun li kien qalu meta l-kantun waqagħlu fuq saqajh. It-tabib kien tela' fuq sieq l-imputat. Huwa baqa' jinnega li qabad banketta biex iwaddabha lit-tabib.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

13. L-ewwelnett il-Qorti qed temmen dawk il-verżjonijiet fejn intqal li l-imputat dagħa kif ukoll li kien ser iwaddab banketta tal-ħadid lejn it-tabib. Il-Qorti ssib aktar veraċi dak li xehdu it-Tabib Gauci u Dr Alexandra Baldacchino dwar it-theddid bil-banketta milli n-negazzjonijiet tal-imputat.

14. Min-naħa l-oħra l-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat kien tassew muġugħ u li probabbli li ntalqat mit-tabib Gauci bi żball.

15. Meta l-Qorti qieset dan kollu, waqt li fehmet li l-imputat ma kellu ebda animu lejn it-Tabib, jidher li l-imputat kien muġugħ meta kien mirfus.

16. Wara li ntqal dan kollu, il-Qorti qed tagħmilha ċara li ħadd m'għandu d-dritt jibda jidgħi għax hu muġugħ u wisq anqas jhedded jew ilesti ruħu ħa jgara xi ħaġa iebsa għax ħadd ieħor, mingħajr ma ried, seta' weġġgħu. Dan jgħodd f'ċirkostanzi ordinarji tal-ħajja u b'mod aktar qawwi

f'poliklinika fejn hemm mhux biss l-interessi tal-imputat iżda wkoll l-interessi ta' ħadd ieħor. L-uġigħ ta' pazjent mhux skuża biex wieħed jikser il-Liġi billi jidgħi, jinsolenta 'l min ikun qed jagħti servizz pubbliku, ikun liema jkun dan is-servizz, jew jheddu. ***Il-Liġi mkien ma tiġġustifika jew tiskuża tali mġiba għax ikun sar xi żball ġenwin da parti ta' ħadd ieħor***. Dan il-prinċipju jgħodd b'mod speċjali f'dawk l-istituzzjonijiet li huma miftua għall-pubbliku bħalma huma l-polikliniċi u l-isptarijiet speċjali. Hawn wieħed irid joqgħod aktar b'seba' għajnejn kif ileġġem ruħu u jiftakar li l-Liġi tikkontempla saħanistr priġunerija għal mhux kapaċi jikkontrolla. Li kieku f'dan il-każ inġibdet l-attenzjoni tat-tabib bil-pulit għal dak li kien ġara, dan żgur kien jiskuża ruħu u jara x'jista' jirremedja għall-inċident imprevist.

17. Għalhekk il-Qorti xorta qed issib li l-imputat kellu l-intenzjoni li ħebb għall- uffiċjal pubbliku ai termini tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9, b'dan pero' li din l-imputazzjoni hija assorbit fit-tieni imputazzjoni.

18. Qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni li hedded lil Dr Robert Vincent Gauci waqt li kien qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu u dan ai trmin tal-artikolu 96(a) tal-Kap 9.

19. Peress li dan kollu sar f'poliklinika, qed issib l-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni u dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9.

20. Fl-aħħarnett il-Qorti qed issib lill-imputat ħati li qal kliem faħxi li jikkonisti f'dagħa u dan ai fini tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9.

**Konklużjoni**

**21. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 95, 96(a), 338(dd) u 338(dd) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-erba'**

**imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tieni waħda.**

**22. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-vittma ħafer lill-imputat kif ukoll li ma kienx hemm xi animu ta' ħsara min-naħa tal-imputat iżda li rreaġixxa b'mod li mhux permess mil-liġi meta ntrifes.**

23. Għaldaqstant, dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, waqt li qed issib lill-imputatħati qed tillberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 15-il xahar mil-lum.

24. Dwar it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet qed tikkundanna lill-imputat iħallas żewġ emendi ta' €58 kull waħda jew 116-il Ewro komplessivament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------